# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 274/2017 MH**

**Illum, 28 ta' Ġunju, 2019**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

1. **Emanuel Portelli (K.I.numru 708255(M)) u**
2. **Anna Portelli (K.I. numru 287359(M))**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors** tal-Bank attur tas-27 ta' Marzu 2017 li permezz tiegħu esponew:

*"Illi, in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Mario Rosario Bonello, datat 11 ta' Frar 1999 (Dok "A"), l-intimati iddikjaraw ruħhom veri, ċerti u likwidi debituri tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' mija u għoxrin elf, disa' mija u sebgħa u tletin Ewro u ħamsa u tmenin ċentezmu (€120,937.85) flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv.*

*Illi, d-debitu tal-intimati mas-soċjeta' rikorrenti illum jammonta għas-somma ta' mitejn u wieħed u tletin elf, tlett mija u tmienja u erbgħin Ewro u tnejn u ħamsin ċentezmu (€231,348.52) (Dok. "B1 sa B2"), kwantu għal mija u għoxrin elf, disa' mija u tnejn u sebgħin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€120,972.85) sorte u kwantu għall-mija u għaxart elef, tlett mija u ħamsa u sebgħin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€110,375.67) imgħax legali sal-21 ta' Frar 2017, flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħax ulterjuri mit-22 ta' Frar 2017 sal-jum tal-pagament effettiv;*

*Illi, għaddew aktar minn tlett (3) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jiġi eżegwit u d-debitu tal-intimati għadu ma tħallasx u għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.*

*Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha teżegwixxi il-kuntratt datat 11 ta' Frar 1999 in atti Nutar Dottor Mario Rosario Bonello (Dok. "A") fl-ismijiet fuq imsemmija bl-ispejjeż kontra l-istess intimati."*

Rat **ir-risposta ta' Emanuel Portelli tat-28 ta' Ġunju 2017**[1] li permezz tagħha ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. *"Illi preliminarjament, ai termini tal-Artikolu 258(a) tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili, l-Bank rikorrenti kellhu jikkonferma bil-ġurament r-rikors promutur u li b'hekk bil-ġurament jikkonferma illi d-dejn u/jew parti minnhu għadu dovut;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont indikat mill-Bank rikorrenti bħala dejn dovut mill-intimati huwa wieħed eċċessiv u dan*

[1] Fol 19

*stante illi hemm ammonti inqas ta' interessi dovuti u dan qed jingħad wara li l-esponenti kellhu laqgħa ma' rappreżentanti tal-Bank fejn infurmawh illi l-istess interessi għandhom jerġgħu jiġu kalkolati. B'hekk l-esponenti kien ferm sorpriż bir-rikors promutur fejn il-Bank rikorrenti bil-ġurament ikkonferm ċiefra ta' interessi dovuti liema somma kellha tiġi riveduta mill-istess Bank;*

3. *Salv Eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Anna Portelli tas-17 ta' Lulju 2017**[2] li permezz tagħha ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

***"1. Illi l-imgħax pretiż** mir-rikorrenti Bank ta' mija u għaxart elef , tliet mija u ħamsa u sebgħin euro u sebgħa u sittin ċentezmu - Eur110,375.67 huwa **eċċessiv ,** billi għandu jkun fl-ammont ta' ħamsa u ħamsin elf , mija u erbgħa u tmenin euro u tmienja u għoxrin ċentezmu - Eur 55,184.28 , stante illi:*

*- in segwitu għall-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-11 ta' Frar, 1999 fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello (Dok. A mar-rikors promotur), li bih hi u l-intimat l-ieħor żewġha Emanuel Portelli in solidum ikkonnoxxew (paġna '78' u '79') bħala dejn ċert , likwidu u dovut is-somma ta' tnejn u ħamsin elf , ħames mija u sebgħa u disgħin liri Maltin u erbgħin ċentezmu - Lm 52,597.40, konsistenti f' kapital ta' wieħed u ħamsin elf , disa' mija u tmintax il-lira Maltin u tnejn u sittin ċenteżmu - Lm 51, 918 . 62 ( ekwivalenti għal mija u għoxrin elf , disa mija u sebgħa u tletin euro u ħamsa u tmenin ċentezmu - Eur 120, 937.85 ) u f'imgħax ta' sitt mija u tmienja u sebgħin lira Maltin u tmienja u sebgħin ċenteżmu - Lm 678.78 , l- imgħax sempliċi ( addottat mir-rikorrenti*

[2] Fol 22 et seq

*Bank) bir-rata massima legali ta' tmienja fil-mija 8% li iddekorra mill-kuntratt , leħaq l-ammont tal-kapital ta' Eur 120, 937.85 wara tnax il-sena u nofs u ċioe' f'Awissu , 2011 , u b' hekk minn wara dan ix-xahar , l-imgħax ma setax ikompli jiddekorri;*

*- u sa dak il-punt ta' Awissu 2011 minn dan l-ammont massimu ta' imgħax ċioe' Eur 120, 937.85 , l-intimati in solidum ħallsu komplessivament is-somma totali ta' imgħax ta' ħamsa u sittin elf , seba' mija u tlieta u ħamsin euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu - Eur 65, 753.57 , kif jirriżulta meta jingħaddu il-pagamenti kollha effettwati minnhom u indikati fir-raba' kolonna ta' Dok. B. 2 (b'total ta' Lm 18,566 ekwivalenti ghal Eur 43, 247.14) u ta' Dok.B.1 ( b' total ta' Eur 22,506.43) --------*

*------- u ghalhekk* ***l-imghax ancor pendenti huwa fl-ammont ta' Eur 55,184.28*** *( cioe' massimu ta' imghax ta' Eur 120, 937.85 nieqes it-total ta' pagamenti ta' Eur 65, 753.57 ).*

**2.** *Illi, minghajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, bl-ipoteka speċjali mogħtija mill-intimati in solidum favur il-Bank rikorrenti aċċettanti, bil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-11 ta' Frar , 1999 ( Dok. A - sitt paġna - '80') fuq erba' proprjetajiet in komuni bejn l-intimati, il- valur ta' dawn il-proprjetajiet żgur ikopri b' mod assolut u abbondentement l-ammont tal-kapital dovut ta' Eur 120,937.85 kif ukoll ir-rimanenti bilanċ ta' imgħax pendenti ta' Eur 55, 184.28 sa Awissu , 2011 , għal total komplessiv ta' mija u sitta u sebgħin elf u mija u tnejn u għoxrin euro u tlettax il-ċenteżmu - Eur 176,122.13 ( ekwivalenti għal Lm75,609.23) , u b'hekk ir-rikorrenti Bank f' dak il-punt ta' Awissu , 2011, kien ġia' f' pożizzjoni li jenforza il-kuntratt u jitħallas dan l-ammont kollu ------*

*-------- u għalhekk ir-rikorrenti mhuwiex ġustifikat li issa jippretendi li jitħallas ukoll imgħax ghal perjodu minn Awissu, 2011 sal- 21 ta' Frar, 2017, li matulu a scelta tiegħu għażel li ma jenforzax il-kuntratt.*

**3.** *Illi unikament għall-fini ta' dak li għandu x' jaqsam mal-intimati bejniethom:*

*- fl-ewwel lok jiġi osservat illi bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti ta Nutar Joseph Debono ippubblikat fil-15 ta' Ottubru , 2003, il-konjugi intimati iffirmaw ftehim ta' separazzjoni tal-beni, li bih fost oħrajn l-intimat Emanuel Portelli assuma id-djun kollha tal-kommunjoni l-akkwisti , inkluż għalhekk il-pretensjoni odjerna tar-rikorrenti Bank u għalhekk l-esponenti tirriserva kull dritt ta' rimbors kontra l-intimat Emanuel Portelli;*

*- u fit-tieni lok fl-eventwali bejgħ b'subasta tal-proprjetajiet jew uħud jew xi waħda minnhom , ipotekati favur ir-rikorrenti Bank , wara li l-Bank mir-rikavat tal-imsemmi bejgħ b' subasta jitħallas flusu mertu tal-proċedura odjerna, l-esponenti tirriserva li mir-rimanenti tar-rikavat titħallas flejjes parafernali tagħha li ġew mill-bejgħ ta' proprjeta' parafernali tagħha fi Swieqi , b' liema flus il-konjugi intimati xtraw u akkwistaw id-dar numru 10, Saqqajja Hill, Rabat , Malta, waħda mill-erba' proprjetajiet ipotekati favur ir-rikorrenti Bank.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat il-provi kollha mressqa mill-partijiet u semgħet it-trattazzjoi finali tad-difensuri tagħhom.

Rat li l-kawża ġiet differita għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Il-Bank attur kien ta faċilitajiet bankarji lill-konvenuti u permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li sar fil- 11 ta' Frar 1999 l-istess konvenuti iddikjaraw ruħhom veri, ċerti u likwidi debituri tal-Bank attur fis-somma ta' €120,937.85 flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv. Peress li skont il-Bank il-konvenuti naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lill-Bank attur kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt, il-Bank intavola l-proċeduri odjerni sabiex jitlob lill-Qorti tawtorizza l-eżekuzzjoni tal-kuntratt tal-1999 stante li ddekorra ż-żmien statutorju għal dan..

Il-konvenuti jirrespinġu dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u partikolarment joġġezzjonaw għall-kalkolu li sar tal-imgħax mitlub mill-istess Bank.

**PROVI**

1. Xehdet **Johanna Bartolo, ir-rappreżentanta legali tal-Bank attur**[3]. Hija qalet li bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 11 ta' Frar 1999 il-Bank illum attur ikkonċeda faċilitajiet bankarji lill-konvenuti. Qalet li l-Bank attur huwa kreditur ta' Emanuel Portelli u Anna Portelli fis-somma ta' mitejn u wieħed u tletin elf, tlett mija u tmienja u erbgħin Ewro u tnejn u ħamsin ċentezmu (€231,348.52) bilanċ għad-debitu fil-*Loan u Overdraft Accounts* tal-konvenuti mal-Bank attur flimkien mal-imgħax ulterjuri mir-22 ta' Frar 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

Hija xehdet ulterjorment li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi partikolarment iżda mhux esklussivament billi l-

[3] Affidavit a fol 12

konvenuti naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lill-Bank attur kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew kien hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lill-Bank imsemmi.

2. Xehed **Aldo Meli, Kap tat-Taqsima tat-Tilwimiet fi ħdan il-Bank attur**[4] li xehed dwar il-kostituzzjoni tad-debitu in kwistjoni u kif il-Bank ħadem l-imgħaxijiet.

3. Il-**konvenut Emanuel Portelli** preżenta numru ta' dokumenti li juru statements of accounts maħruġa mill-Bank attur u konteġġi li fil-fehma tiegħu juru d-diskrepanza bejn l-interessi maħduma mill-Bank u dak li skont hu huma realment dovuti[5].

4. Il-**konvenuta Anna Portelli** ukoll preżentat dokument konsistenti f'kuntratt datat 15 t'Ottubru 2003 dwar xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn il-konvenut żewġha Emanuel Portelli[6].

Il-Qorti rat ukoll **ir-rikors tal-konvenut Emanuel Portelli tat-8 ta' Novembru 2018**[7] permezz ta' liema huwa ppremetta li wara li l-Bank attur kien ġie notifikat bid-dokumenti minnu preżentati kien ġie kkuntattjat minn Aldo Meli mpjegat fir-recoveries section tal-Bank fejn infurmah li minkejja li l-i*statements* kienu nħarġu mill-Bank dawn ma kinux il-verżjoni korretta. Portelli

[4] Fol 27 et seq
[5] Fol 35 et seq
[6] Fol 54 et seq
[7] Fol 267

sussegwentement ingħata mill-Bank l-aħħar verżjoni li ppreżentaha in atti[8] u talab żmien sabiex il-konvenuti jkunu jistgħu ilestu l-verifiki tagħhom skont l-aħħar statements mogħtija mill-attur, liema talba ġiet milqugħa mill-Qorti[9].

5. Il-konvenut Portelli xehed ukoll dwar il-kontenut tar-rikors appena msemmi[10]. Huwa kkonferma li meta Aldo Meli għan-nom tal-Bank kien qallu li l-istatements preżentati l-Qorti kienu ħżiena r-referenza kienet għall-istatements preżentati mill-konvenut innifsu u mhux dawk tal-Bank.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti tibda billi tosserva li nonostante li waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru 2018[11] kien ġie ordnat biex għax-seduta sussegwenti kellhom jittellgħu jixhdu Aldo Meli sabiex jispega dak allegat fir-rikors tal-konvenut Portelli kif ukoll l-accountant tal-konvenuti Chris Spiteri, dan ma seħħx. Infatti waqt l-aħħar seduta tat-22 ta' Frar 2019[12] id-difensur tal-konvenut iddikjara li m'għandux aktar provi x'iressaq u ddikjara wkoll li l-accountant Chris Spiteri ma kompliex bl-inkarigu tiegħu. Id-difensuri tal-partijiet imbagħad infurmaw lill-Qorti li l-provi huma kollha magħluqin u għaddew biex trattaw il-każ.

Stabbilit il-premess il-Qorti tirrileva li kif inhuwa risaput mill-ġurisprudenza, kull kawża jeħtieġ tiġi maqtugħa fuq il-kawżali espressi fir-rikors ġuramentat.

---

[8] Dok A1 a fol 65 et seq
[9] Seduta tad-9 ta' Novembru 2018
[10] Fol 263 et seq
[11] Fol 262
[12] Fol 268

Kif qalet din il-Qorti fil-kawża **John Micallef noe vs Jeffrey Mizzi**, deċiża fil-24 ta' Frar, 2012:

"*Huwa prinċipju magħruf illi fl-għoti tas-sentenza l-Imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u tat-talba kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni. Is-sentenza kellha għalhekk tispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-prinċipji tad-dritt applikabbli għalihom u tenut kont tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Kif ritenut, ma huwiex leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni. Kawżali kif espressa fiċ-ċitazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawża u l-Qorti għandha toqgħod u tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fiċ-ċitazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza mogħtija tkun extra petita*".

It-talba tal-Bank attur fir-rikors promotur hija limitata għall-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex *"teżegwixxi l-kuntratt datat 11 ta' Frar 1999 in atti Nutar Dottor Mario Rosario Bonello (Dok. "A") fl-ismijiet fuq imsemmija bl-ispejjeż kontra l-istess intimati."*

Il-Qorti rat l-**artikolu 258 (c) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid hekk –

*"Wara –*

*(.....)*

*(ċ) l-għeluq ta' ħames snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit,*

*l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-*

*dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.”*

Għalhekk il-kompitu tal-Qorti f'kawża tax-xorta bħal ma hi dik tal-lum huwa biss li tawtorizza t-tmexxija għall-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv u mhux biex tidħol fl-evalwazzjoni tal-kalkoli speċifiċi dwar l-ammonti dovuti inkluż, u l-konteġġi kif saru mill-Bank attur jew dwar aspetti oħra tal-istess kuntratt inkluż il-fatt li hemm ipoteki adekwati mogħtija mill-konvenuti lill-bank attur fir-rigward tad-dejn kostitwit. Infatti, għal dawk l-aspetti l-leġislatur ipprova permezz tal-**artikolu 281 (1) tal-Kap 12** li jipprovdi hekk –

*(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.”*

Għalhekk, una volta li l-konvenuti odjerni jiġu rinfaċċjati bl-eżekuzzjoni tal-kuntratt in kwistjoni, jekk jidhrilhom li għandhom jattakkaw il-kuntratt in kwistjoni tal-11 ta' Frar 1999 jew parti minnu, jew l-eżekuzzjoni tiegħu, huma għandhom jagħmlu dan permezz ta' proċeduri appożiti skont il-liġi.

Issa fir-rigward tal-**eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Emanuel Portelli**, din tgħid hekk –

*"Illi preliminarjament, ai termini tal-Artikolu 258(a) tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili, l-Bank rikorrenti kellhu jikkonferma bil-ġurament r-rikors promutur u li b'hekk bil-ġurament jikkonferma illi d-dejn u/jew parti minnhu għadu dovut".*

Għal finijiet ta' korrettezza, in kwantu l-att eżekuttiv mertu tal-proċeduri odjerni huwa kuntratt riċevut minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt a tenur tal-artikolu 253 (b) tal-Kap 12, huwa l-artikolu 258 (c) ċitat aktar 'il fuq li japplika għal każ u mhux l-artikolu 258 (a) indikat mill-konvenut, għalkemm il-prinċipju legali huwa l-istess. *Detto cio*, l-Qorti tqis li mid-diċitura tal-artikolu 258 huwa ċar li m'hemm ebda ħtieġa li r-rikors promutur *per se* jkun ġuramentat purche' l-attur, jew fil-każ odjern, rappreżentant tal-Bank ikun ikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut. Il-Qorti hija sodisfatta li bix-xhieda ġuramentata tagħhom ir-rappreżentanti tal-Bank attur Johanna Bartolo u Aldo Meli ssodisfaw dan il-kriterju.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Portelli sejra għalhekk tiġi respinta.**

**Tqies ukoll illi kif ben ippuntwalizzat il-konvenuta fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni tagħha, fi-żewġ aspetti tagħha, illi l-bank attur huwa estraneju għar-relazzjoni bejn il-konjugi separati konvenuti u għalhekk l-ezekuzzjoni mitluba mhux affettwata b'hekk.**

Dwar il-mertu *per se*, il-Qorti wara li eżaminat il-provi mressqa tikkonstata li l-faċilitajiet bankarji li l-Bank attur ikkonċeda lill-konvenuti skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt imsemmi għadhom ma ġewx imħallsa lura lill-attur skont kif miftiehem u għalhekk it-talbiet tal-Bank attur jimmeritaw li jiġu akkolti kif dedotti.

Għall-istess raġunijiet imsemmija l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti sejrin jiġu respinti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.**

**2. Tilqa' t-talba tal-Bank attur u tawtorizzah jeżegwixxi il-kuntratt datat 11 ta' Frar 1999 in atti Nutar Dottor Mario Rosario Bonello iffirmat bejn il-kontendenti odjerni.**

**3. L-ispejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu a karigu tal-konvenuti.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Fiona Gatt**
**Dep. Reġ.**